MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-6 ta' April, 2006

Appell Kriminali Numru. 353/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Abdilla)**
**Vs**

**Christopher Sheperd**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli f’dawn il-Gzejjer, gewwa il-parking area quddiem ITS fi Triq Profs Walter Ganado San Giljan, nhar il-22 ta’ Ottubru 2004, ghal habta tal-11.30 ta’ filghaxija :
1) ikkometta serq minn vettura EAC564 marka Fiat Uno liema serq huwa aggravat bil-mezz, hin, valur u bix-‘xorta tal-haga misruqa’, u dan ghad-dannu ta’ Francis Farruigia,

u dan bi ksur ta Artikoli 261, u 271(g) ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
2) fl-istess zminjiet, lok u cirkostanzi f’Malta xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew immexxihom u dan bi ksur ta’ Artikolu 334 ta’ Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3) fl-istess data u hin gewwa l-istess postijiet tal-gzejjer ta’ Malta, volontarjament hassar, jew gharraq hwejjeg ta haddiehor, mobbli jew immobbli meta ghamel hsara fuq vettura EAC564 tal-ghamla Fiat Uno ghad-dannu ta’ Francis Farrugia mir-Rahal il-Gdid liema hsara teccedi il-mitt lira Maltin, imma ma teccedix l-elf lira Maltin u dan ai terminu tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta;
4) u aktar talli hu ricediv b’sentenza, tal-Qorti tal-Magistrati Malta, u tal-Qorti Kriminal ta’ l-appell liema sentenzi huma deffinitivi, ai terminu tal-artikoli 49, 50 u 289 para (1) tal-ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-12 ta’ Dicembru, 2005, li biha, wara li rat l-Artikoli 334, 325(b), 49, 50, 17(b) u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant (fuq ammissjoni) hati tal-akkuzi kollha migjuba kontrih salv l-ewwel akkuza li tirrigwarda serq, fejn astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ewwel akkuza, billi din kienet akkuza alternattiva ghat-tieni akkuza ta’ ricetazzjoni w kkundannatu ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) u ghaxar (10) xhur prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-23 ta’ Dicembru, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tilqa dan l-appell fis-sens illi tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena w minflok tinfliggi piena gusta w ekwa ghall-kaz odjern.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

**Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :- li minkejja li l-appellant kien originarjament akkuzat b’ serq, din l-imputazzjoni giet**

**pratikament irtirata fl-udjenza tas-16 ta' Novembru, 2004, kif konfermat fl-udjenza tat-22 ta' Frar, (Sic!), meta l-ufficjal prosekutur talab lill-Ewwel Qorti biex tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-akkuza ta' serq; Il-hsara volontarja tinkwadra ruha skond l-akkuza kif ukoll mill-ammont imhallas mill-appellant fil-parametri tal-artikolu 325 (b) tal-Kap.9 fil-waqt li ghal dak li jirrigwarda r-reat ta' ricettazzjoni ma gie stabilit ebda valur u ghalhekk ghandha tapplika l-piena ta' serq semplici w cioe' li ma jeccedix il-mitt lira Maltin. La jirrizulta valur fl-imputazzjoni u lanqas mill-lista tal-oggetti esebita li thalli dubju jekk il-valur taghhom jeccedix il-mitt lira. Ghalhekk il-piena massima bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) tal-Kodici Kriminali w tenut kont tar-recidiva, tkun ta' sentejn prigunerija, ai termini tal-artikolu 31 fil-waqt li l-piena minima kienet dik ta' seba' xhur prigunerija. Jekk il-Qorti kellha tappl;ika l-artikolu 17 (h), il-piena massima kienet dik ta' tmintax il-xahar prigunerija. Ghalhekk il-piena erogata kienet teccedi dik stabbilita mill-ligi. Sussidjarjament u minghajr pregudizzju, l-piena kienet eccessiva w sproporzjonata mal-ammont tal-oggetti ricettati u mall-hsara kommessa w anki tenut kont tar-ritorn fl-intier taghha ta' *res furtiva* lill-vittmi kif ukoll tal-kumpens tal-hsara kommessa. Illi l-piena karcerarja ftit li xejn tista' tkun effettiva fir-riforma tal-appellant  u l-piena suggerita mill-ufficjal tal-probation ghandha tkun ta' beneficcju sabiex l-appellant isib gwida w sostenn necessarju sabiex jaqbad it-triq it-tajba. Ghandu jigi mpost ordni ta' xoghol fil-komunita' ai termini tal-Kap.466. Il-piena karcerarja lanqas mhu ser tghinu biex jegheleb il-vizzju tal-loghob tal-azzard. Ikun ahjar li jitpogga taht probation officer. Li l-Ewwel Qorti sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena w ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv kif eleborat mill-ufficjal tal-probation.**

**Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti,**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Rat illi l-appellant moghti zmien jumejn biex jaghmel nota fejn jiccita xi gurisprudenza favur il-mod kif hu kien qed jikkomputa l-piena f' kaz ta' recidiva bil-konkors, baqa' ma pprezenta ebda nota f' dan is-sens;**

**Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;**

**Iikkonsidrat;**

**Illi dan hu appell limitat ghall-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x' jindika li kellha tkun inqas minn dak li tkun fil-fatt. (ara.** "Ir-Repubblika ta' Malta vs. David Vella" **[14.6.1999], "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina" **[24.4.2003] u ohrajn.)**

**Illi l-appellant instab hati ta' ricettazzjoni skond it-tieni imputazzjoni, ta' hsara volontarja li teccedi l-hamsin lira Maltin imma ma teccedix il-hames mitt lira Maltin ai termini tal-artikolu 325 (b) tal-Kap.9 skond it-tielet imputazzjoni, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva. L-Ewwel Qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, astjeniet milli tippronunzja ruha fuq l-akkuza tas-serq.**

**Illi skond l-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, l-piena ghar-reat ta' ricettazzjoni, jekk il-haga tkun gejja minn serq, hija l-piena ghas-serq skond il-valur tal-haga misruqa. Issa la fl-akkuza ta' serq originali w lanqas fl-akkuza alternattiva ta' ricettazzjoni ma jissemma xi valur tal-oggetti misruqa jew ricettati, ghalkemm fl-ewwel akkuza l-akkuzat gie ukoll addebitat bl-aggravanti tal-valur, bla pero' ma ssemma jekk dan jaqax taht l-artikolu 279 (a) jew (b). A fol. 23 giet esebita ricevuta li tikkontjeni lista tal-oggetti misruqa li pero' gew ritornati lid-derubat. Pero' f' din ir-ricevuta ma hemmx valur. Fis-seduta tal-5 t' April, 2005, l-appellant ammetta l-akkuzi kollha hlief l-ewwel akkuza. Illi imkien fil-process ma saret stima tal-**

**oggetti li jifformaw il-mertu tal-akkuza tas-serq jew dik ta' ricettazzjoni. Ghalhekk l-appellant ghandu ragun meta jissottometti li ghall-fini tal-piena tal-akkuza tar-ricettazzjoni, ghandu jittiehed kont ta' l-piena applikabbli ghal serq semplici, fejn, skond l-artikolu 285 il-piena tkun dik ta' xahar sa sitt xhur prigunerija. Mad-daqqa t' ghajn pero' ma jidhirx li hu l-kaz li ghandu japplika l-proviso tal-istess artikolu li jistipula l-piena fejn il-valur tal-oggett misruq ma jkunx izjed minn ghaxar liri. Ghalhekk jekk minhabba r-recidiva skond l-artikolu 50 u 31, il-piena tizdied bi grad, jigi li l-piena minima tista' titla' ghall-xaharejn u dik massima tista' titla sa disa' xhur prigunerija.**

**Illi ghar-rigward tal-akkuza tad-danni volontarji li l-appellant jissottometti li hi koperta bl-artikolu 325 (b) il-piena hija minn hames xhur sa sena. Jekk umbaghad il-piena tizdied bi grad minhabba r-recidiva, skond l-artikolu 50 abbinat mall-artikolu 31, il-piena minima tista' titla' ghall-dik ta' seba' xhur u dik massima tista' titla' ghall-wahda ta' tmintax il-xahar prigunerija.**

**Ghalhekk bl-applikazzjoni tal-artikolu 17 (b) dwar il-konkors tal-pieni, l-appellant seta' jigi sentenzjat ghall-massimu tal-akbar reat u cioe' dik ta' tmintax il-xahar piu nofs il-piena massima ghar-reat minuri tar-ricettazzjoni cioe' erba xhur u nofs prigunerija. B' hekk jigi li l-massimu possibbli f' kull kaz ma setax jeccedi t-tnejn u ghoxrin xahar u nofs prigunerija.**

**Ma jidhirx li hu l-kaz li ghandu japplika l-artikolu 17 (h). Dan ghaliex fl-ewwel lok din il-Qorti mhux sodisfatta li l-hsara li saret kienet serviet bhal mezz ghal-fini biex seta' jigi kommess ir-reat ta' serq u f' kull kaz illum l-appellant ma nstabx hati tar-reat ta' serq imma tar-reat ta' ricettazzjoni w zgur li r-reat ta' danni volontarji ma jista' qatt jigi argumentat li jservi bhala mezz ghall-fini tar-reat ta' ricettazzjoni. Din il-Qorti tara stramba kif l-appellant ammetta r-reat ta' danni volontarji meta kien qed jikkontesta r-reat ta' serq, jekk kien qed jikkontendi li mhux hu kien seraq**

**l-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu, pero' ghal ragunijiet li jaf hu, hekk ghamel. Issa pero' ma jistax jibbenefika mill-applikazzjoni tal-artikolu 17 (h) ghaliex ma jikkonkorrux l-elementi essenzjali ghall-assorbiment tal-piena bejn ir-reat ta' danni volontarji u dak ta' ricettazzjoni minnu ammessi, li setghu talvolta w ipotetikament jikkonkorru bejn ir-reat ta' danni volontarji w dak tas-serq.**

**B' dana kollu l-aggravju li l-piena erogata kienet oltre l-parametri tal-ligi hu gustifikat u dan irid ikun rifless f' temperament sostanzjali fil-piena kif ser jinghid.**

**Illi pero' l-aggravji l-ohra dwar il-piena, ma jidhrux gustifikati taht ebda aspett. Meta wiehed ihares lejn il-fedina penali aggornata tal-appellant, isib li l-appellant apparti ruxxmata reati konnessi mat-traffiku, partikolarment sewqan bla licenzja w minghajr ma kien kopert b'polza tas-sigurta, nstab hati hames darbiet li hedded ufficjali pubblici waqt li kienu qed jaqdu dmirhom u mhux inqas minn disa' darbiet ta' serq kontinwat jew aggravat minn vetturi jew ta' vetturi w serq iehor, u, apparti li inghata diversi sentenzi ta' probation, liberazzjoni kondizzjonata w ta' prigunerija sospizi, gie ukoll sentenzjat ghall-habs effettiv erba darbiet u kellu s-sentenzi sospizi attivati. B' dana kollu jidher li l-appellant , kull meta johrog mill-habs, ikompli ghaddej bil-professjoni abitwali tieghu li jisgassa w jisraq minn karozzi, jsuq bla licenzja w bla insurance u, meta jinqabad u/jew jigi dixxiploinat, jibda jhedded lil min ikun qed jaqdi dmiru. Din il-Qorti tara ghalhekk li l-Ewwel Qorti ma kellha ebda alternattiva hlief dik li teroga sentenza ta' habs effettiv, biex almenu tillibera lis-socjeta' mill-assalti ripetuti tal-appellant li ma jahdimx u li l-uniku skop ta' hajtu jidher li hu l-ksur ripetut tal-ligi w xejn aktar. Ghalhekk kull talba jew rimpjant tal-appellant ma tistax isib widen. Il-Qrati diga' urew klemenza eagerata mall-appellant billi wara li sahansitra gie kundannat ghall-habs, baqhu jilliberawh taht kondizzjoni jew jestendulu t-termini ta' sentenzi sospizi. Issa l-appellant ma jistax jippretendi aktar**

**komprensjoni meta kull opportunita' li nghata ngabet fix-xejn bl-agir kriminuz tieghu.**

**Din il-Qorti ma tistax ma tikkumentax avversament fuq l-irresponsabilta' ta' certi *probation officers* li, rinfaccjati b' kazijiet bhal dawn, jibghu jirrakkomandaw lill-Qrati soluzzjonijiet idealistici w divorzjati minn kull realta' u li xejn ma jaghtu kaz tal-impatt tar-rakkomandazzjoni taghhom fuq il-htiega li s-socjeta' tigi protetta minn agir ta' kriminali di professjoni, bhal ma hu l-appellant. Mhux ta' b' xejn li l-Ewwel Qorti ma accettatx ir-rakkomandazzjonijiet tal-Probation Officer koncernata f' dan il-kaz. L-appellant qatt ma wera l-icken sinjal li jrid jirriforma w ghalhekk issa ma jistax idoqq id-diska mikula tal-aspett riformattiv tas-sentenzi b' success.**

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lill-appellant hati tal-imputazzjonijiet kollha w l-addebitu tar-recidiva dedotti kontra tieghu, ghajr l-imputazzjoni ta' serq, li, bhala kap alternattiv, l-Ewwel Qorti ma haditx konjizzjoni tieghu w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-sentejn u ghaxar xhur prigunerija u minnflok tikkundannah ghall-tnejn u ghoxrin xahar u nofs prigunerija, li hu l-massimu permess fic-cirkotanzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------